13 ta' Diċembru, 1954

Imħallfin :—
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Mikiel Cutajar

**Att tal-Akkuża — Nullità — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Kompetenza — Qorti ta' Kriminali Ġudikatura u Qorti ta' Kriminali Istruzzjoni**

*Meta l-imputazzjoni oriġinarja tkun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, dik il-Qorti tista', jekk tintalab il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni b'imputazzjoni ta' fatt aktar gravi li timporta kompetenza superjuri, tordna l-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni u tikkonverti ruħha f'Qorti Istruttorja biex issir kumpilazzjoni fuq ir-reat aktar gravi.*

*Il-propożizzjoni li t-termini ta' l-imputazzjoni oriġinarja jagħtu dritt kweżit lill-imputat biex ma jiġix akkużat ta' reat ta' kompetenza superjuri, ma hix aċċettabbli.*

*Għaldaqstant, l-eċċezzjoni li l-att ta' l-akkuża huwa null għaliex għall-istess fattijiet dedotti fih kienet inħarġet ċitazzjoni kontra l-akkużat b'imputazzjoni ta' reat ta' kompetenza tal-Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, u li ċ-ċitazzjoni ma setgħetx tinbidel għal reat ta' kompetenza eċċedenti dik ta' dik il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma hix attendibbli.*

*It-teorija tad-dritt kweżit akkwistat bis-sempliċi ċitazzjoni tippermetti, ċjoè non ostante, il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni; u jew il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni għandha tiġi ammessa anki meta timporta passaġġ għal reat ta' kompetenza superjuri, jew għandha tiġi negata anki meta l-imputazzjoni tibqa' ta' kompetenza inferjuri għalkemm aktar gravi minn dik oriġinarjament dedotta.*

*Għaldaqstant ebda dritt kweżit ma jiġi kreat bit-termini taċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att tal-akkuża numru 9062;

Rat in-nota tal-akkużat, li biha eċċepixxa n-nullità ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża, peress illi għall-istess fattijiet dedotti fl-istess kap kienet inħarġet kontra l-akkużat ċitaz-

zjoni b'imputazzjoni ta' reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura; liema ċitazzjoni ma setgħetx tinbidel, kif fil-fatt ġiet in segwitu mibdula, għal reat ta' kompetenza eċċedenti dik ta' dik il-Qorti bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura;

Rat in-nota ta' l-Attorney General, li biha oppona ruħu għall-eċċezzjoni ta' l-akkużat;

Rat id-digriet mogħti fil-11 ta' Novembru 1954, minn din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, li bih irrimettiet l-inkartament ta' dina l-kawża lil dina l-istess Qorti komposta minn tliet Imħallfin sabiex taqta' l-kwistjoni sollevata;

Trattata l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Hu paċifiku bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża li l-akkużat kien ġie oriġinarjament ċitat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, biex jirrispondi, "inter alia", għar-reat ta' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Paola Baldacchino. Wara xi differimenti, fis-seduta tal-5 ta' Awissu 1954, it-tabib iddikjara li dik l-offiża, li qabel kienet ġiet kwalifikata bħala ħafifa, kienet gravi minħabba dewmien. Il-Qorti allura rrinvijat il-kawża bil-kliem "sabiex issir kumpilazzjoni"; u ċ-ċitazzjoni ġiet korretta;

Il-pont huwa jekk, meta l-imputazzjoni oriġinali tkun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tistax dik il-Qorti, jekk tintalab il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni b'imputazzjoni ta' fatt aktar gravi li timporta kompetenza superjuri, tordna l-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni u tbiddel ruħha f'Qorti Istruttorja biex issir kumpilazzjoni fuq ir-reat aktar gravi;

Il-propożizzjoni li t-termini ta' l-imputazzjoni oriġinali jagħtu dritt kweżit lill-imputat biex ma jiġix akkużat ta' reat ta' kompetenza superjuri, ma hix aċċettabbli; għal dawn ir-raġunijiet :—

1. Din it-teorija tad-dritt kweżit akkwistat bis-sempliċi ċitazzjoni tippermetti, ċjò non ostanti, il-korrezzjoni, jekk ir-reat aktar gravi jibqa' ta' kompetenza inferjuri. Iżda ma

hemm xejn li jilleġittima din id-distinzjoni. Jew il-korrezzjoni tiġi ammessa anki f'każ ta' passaġġ għar-reat ta' kompetenza superjuri, jew għandha tiġi negata anki fil-każ li tibqa' imputazzjoni ta' kompetenza inferjuri, avvolja aktar gravi minn dik oriġinali ;

2. Il-ġurisprudenza hija fis-sens li, mhux iċ-ċitazzjoni, imma d-"deċiżjoni" fuq titolu iżgħar, tikkostitwixxi ostakolu għad-deduzzjoni tat-titolu akbar fuq l-istess fatt ta' qabel — bħal fil-kawża "Rex vs. Rosaria Portelli", 23 ta' Frar 1904, li hi "locus classicus" in materja ;

3. Iċ-ċitazzjoni ma hix il-bażi assoluta tal-inkriminazzjoni, u minn żmien antik ġie kostantement ritenut li, peress li ċ-ċitazzjoni, sostanzjalment, ma hix ħlief ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti biex jirrispondi ta' reat, għalhekk tista' tinbiddel, bla ebda distinzjoni jew limitazzjoni, ħlief li jingħata terminu lill-imputat biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni l-ġdida. Kien qal il-President Sir Antonio Micallef, sedenti f'din il-Qorti, sede ta' l-Appell, fil-kawża "Terreni vs. Gabarretta", 17 ta' Ġunju, 1880 : "Che è di regola, anche nella Corte dei Magistrati della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminale Giudicatura, che non e' indispensabilmente necessario attenersi stretramente e precisamente ai termini della originaria citazione, quando anche il procedimento fosse per parte della Polizia ; e che la Corte possa benissimo decidere in ogni caso pel delitto risultato dalle prove e dietro alla stessa avanzata citazione, e ben inteso che si debba accordare, qualora si domandi, o quando la stessa Corte lo creda necessario, un breve termine per poter il citato difendersi su di un tale risultato delitto (ara wkoll "Pol. vs. Ashby", App. Krim. 12 ta' Awissu 1916, u "Pol. vs. Debono" 12 ta' Jannar 1918 minbarra segwitu ta' deċiżjonijiet konformi reċenzjori, fosthom is-sentenza "Pulizija vs. Ham" ta' l-ewwel ta' Marzu 1950 ;

Għalhekk, ebda dritt kweżit ma jiġi kreat bit-termini taċ-ċitazzjoni, u huwa sewwa dak li ġie stabbilit fis-sentenza App Krim. "Pulizija vs. Spiteri", 26 ta' Lulju 1918, illi l-Qorti ta

Gudikatura Kriminali, adita fuq l-imputazzjoni originarja ta' reat fil-kompetenza tagħha, jekk din l-imputazzjoni in segwitu titbiddel f'waħda li timporta kompetenza superjuri, għandha tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Istruttorja biex tinfetaħ kumpilazzjoni fuq ir-reat aktar gravi ta' kompetenza superjuri. Din is-sentenza ġiet segwita fl-Appell Kriminali "Pulizija vs. Dimech", 25 ta' Novembru 1944 (ara wkoll App. Krim. "Pul. vs. Mariani", 12 ta' Gunju 1942);

L-oġġezzjoni li hemm dispożizzjoni espressa għall-każ invers, li fih il-Qorti Istruttriċi tittramuta ruħha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali, hi superata bil-fatt li kien hemm bżonn ta' dispożizzjoni simili; għax il-Qorti Istruttriċi għandha biss ġurisdizzjoni ordinarja, u għalhekk kien hemm bżonn dispożizzjoni "ad hoc" biex tiġi lilha mogħtija ġurisdizzjoni deċiżorja;

It-teżi kuntrarja tad-difiża ġġib għall-inkonvenjent serju li, jekk jirriżulta reat akbar, bħal fil-każ in ispeċje, fejn irriżulta li l-offiża ma kienetx ħafifa, iżda gravi per durata, il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma tkunx tista' tikkundanna għall-offiża ħafifa, għax l-offiża ma hix ħafifa, u ma tkunx tista' tipproċedi għall-Istruzzjoni fuq offiża gravi, u b'dan il-mod il-ħati jeħles għal kollox;

Għandu jiġi wkoll osservat li, skond l-art. 401 Kap. 12, "fir-reati suġġetti għall-piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja, tmexxi l-kumpilazzjoni li teħtieġ". Issa, hu veru, kif ġie kemm il-darba ritenut, li dak l-artikolu qiegħed jirriferixxi għar-reat "dedott". Iżda ma għandux jintnesa li, meta ssir korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni (kif, skond il-ġurisprudenza kostanti, tista' ssir), allura r-reat "dedott" ma jibqgħax dak oriġinarjament dedott; u jekk dan ir-reat nwovament dedott ikun tali li jimporta imputazzjoni ta' kompetenza superjuri, allura jkun dejjem skond l-artikolu fuq ċitat li l-Qorti tipproċedi għall-Istruttorja. Fil-kawża Appell Kriminali "Pulizija vs. Catania", 14 ta' Gunju 1952, imsemmija fin-nota tad-difiża, il-Prosekuzzjoni, fil-kors ta' l-argumenti, kienet ippretendiet li l-Qorti ta' Isfel kien imissha ttrasformat ruħha f'Istruttorja fuq ir-reat "dedott fl-ewwel ċitazzjoni"; il-Qorti rrespinġiet dak l-argument għaliex ir-reat "dedott fl-ewwel ċitazzjoni" kien ta' kompetenza inferjuri, u għaliex, minflok ic-ci-

tazzjoni ġiet korretta, u minflok ġiet sostitwita bil-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni imputazzjoni oħra ta' *kompetenza superjuri*, b'mod li r-reat "dedott" kien allura jitqies dak nwovament dedott, u b'mod li *kien ikun hemm* lok għall-konversjoni tal-Qorti ta' Ġudikatura f'Qorti Istruttorja, minflok sar dan, l-ewwel *ċitazzjoni ġiet ritirata*, u allura mhux biss ir-reat dedott baqa' *dejjem ta' kompetenza inferjuri* (u kwindi ma kienx hemm kwistjoni ta' tibdil tal-Qorti f'Qorti ta' Kumpilazzjoni), imma, bl-irtir taċ-ċitazzjoni, ċjoe' ta' l-ewwel waħda, kien hemm lok għall-perenzjoni ta' l-istanza, skond il-ġurisprudenza hemm ċitata, u l-kawża ġiet deċiża "fuq dik il-bażi";

Fi kliem oħra, l-art. 401 japplika għar-reat "dedott", imma r-reat dedott *jista'* jkun dak oriġinarjament dedott u dak nwovament dedott bil-korrezzjoni. Fil-kawża odjerna r-reat *nwovament* dedott bil-korrezzjoni jagħti lok għall-kumpilazzjoni skond l-istess art. 410. Fil-kawża "Catania" ir-reat dedott baqa' dak oriġinarjament dedott ta' kompetenza inferjuri, bla ma ġiet korretta ċ-ċitazzjoni, u bla ma ġiet b'hekk sostitwita imputazzjoni ta' kompetenza superjuri; anzi ċ-ċitazzjoni ġiet irtirata bla ma ġiet korretta;

Intqal fin-nota tad-difiża li l-Qorti Inferjuri f'dan il-każ ma tat ebda ordni jew *digriet* biex tibdel il-ġurisdizzjoni tagħha. Iżda rriżulta li l-Qorti ddifferiet il-kawża "sabiex issir il-kumpilazzjoni". Dak id-differiment, hekk verbalizzat, u kif motivat, huwa, *in sostanza*, *digriet ta' konversjoni tal-Qorti* ta' Ġudikatura f'Qorti Istruttorja;

Issemma wkoll, fin-nota, li ġew ommessi l-formalitajiet ordnati fl-art. 401 (1) u (3) tal-Kap. 12. Dawk il-formalitajiet huma preskritti "wara" li tkun *bdiet* l-Istruttorja, *mentri* f'dan il-każ il-korrezzjoni kienet qiegħedha ssir fiċ-ċitazzjoni "qabel" *ma bdiet* l-Istruttorja;

Għalhekk l-eċċezzjoni ma tistax tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tad-difiża, u tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Qorti komposta minn Imħallef wieħed għall-kontinwazzjoni.